

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari ppreżentata mill- Općinski sud u Vukovaru (qorti muniċipali ta' Vukovar, il-Kroazja), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' April 2017, hija manifestament inammisibbli.

(¹) ĠU C 168, 29.05.2017.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Köln (il-Ġermanja) fl-20 ta' Lulju 2017 – GS vs Bundeszentralamt für Steuern

(Kawża C-440/17)

(2017/C 374/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: GS

Konvenut: Bundeszentralamt für Steuern

Domandi preliminari

I) L-Artikolu 49 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 54 TFUE, jipprekludi dispożizzjoni fiskali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrifjuta l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul mill-kapital tad-distribuzzjoni ta' dividendi ta' kumpannija omm barranija li l-unika azzjonista tagħha hija kumpannija b'kapital azzjonarju li għandha s-sede tagħha fit-territorju nazzjonali,

sa fejn l-azzjonijiet ta' din il-kumpannija omm huma miżmuma minn persuni li ma jkollhomx dritt għal rimbors jew għal eżenzjoni li kieku jirċievu d-dħul direttament u d-dħul gross tal-kumpannija omm barranija għas-sena inkwistjoni ma jirriżultax mill-attività ekonomika tagħha stess, u

1. ma hemmx raġunijiet ekonomiċi jew sinjifikattivi oħra li jiġġustifikaw l-involviment tal-kumpannija barranija fir-rigward ta' dan id-dħul jew
2. il-kumpannija barranija ma tipparteċipax fl-attività ekonomika ġenerali ma' impriża organizzata b'mod xieraq fir-rigward tal-għan kummerċjali tagħha

filwaqt li l-eżenzjoni mit-taxxa tingħata lil kumpanniji omm stabbiliti fit-territorju nazzjonali mingħajr kunsiderazzjoni għall-imsemmija kundizzjonijiet?

II) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2011/96/UE (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru milli jadotta dispożizzjoni li tirrifjuta l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul mill-kapital tad-distribuzzjoni ta' dividendi ta' kumpannija omm barranija li l-unika azzjonista tagħha hija kumpannija li għandha s-sede tagħha fit-territorju nazzjonali,

sa fejn l-azzjonijiet ta' din il-kumpannija omm huma miżmuma minn persuni li ma jkollhomx dritt għal rimbors jew għal eżenzjoni li kieku jirċievu d-dħul direttament u d-dħul gross tal-kumpannija barranija għas-sena inkwistjoni ma jirriżultax mill-attività ekonomika tagħha stess, u

1. ma hemmx raġunijiet ekonomiċi jew sinjifikattivi oħra li jiġġustifikaw l-involviment tal-kumpannija barranija fir-rigward ta' dan id-dħul jew

2. il-kumpannija barranija ma tipparteċipax fl-attività ekonomika ġenerali ma' impriża organizzata b'mod xieraq fir-rigward tal-għan kummerċjali tagħha?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE, tat-30 ta' Novembru 2011, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU 2011, L 345, p. 8); preċedentement Direttiva tal-Kunsill 90/435/KKE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147).

Appell ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2017 minn Vincent Piessevaux mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fis-17 ta' Mejju 2017 fil-Kawża T-519/16, Vincent Piessevaux vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-454/17 P)

(2017/C 374/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Vincent Piessevaux (rappreżentant: L. Ponteville, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla s-sentenza mill-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2017 fil-Kawża T-519/16;
- talloka lill-appellant il-benefiċċju tat-talbiet li ressaq quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju tal-appell huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tal-imsemmija regolamenti. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ħadhet l-eċċezzjoni tal-illegalità tal-Komunikazzjoni lill-Persunal 113/11 tal-Awtorità tal-Ħatra tal-Kunsill, li tistabbilixxi deroga għall-aħħar sentenza tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, tal-11 ta' Ottubru 2011, li tadotta d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni relatati mal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal relatati mat-trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni (id-"DGI 2011") – deroga li skontha d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni adottati fid-29 ta' April 2004 (id-"DGI 2004") ser ikomplu japplikaw biss fil-każ fejn l-Awtorità tal-Ħatra nnotifikat propożta ta' akkreditazzjoni lill-persuna kkonċernata u fejn din tat il-kunsens tagħha qabel id-dħul fis-seħħ tad-DGI 2011. Fil-fatt, il-motivazzjoni ta' din iċ-ċaħda, li tidher fil-punti 68 sa 71 tas-sentenza kkontestata, tmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, fl-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tal-imsemmija regolamenti.

It-tieni aggravju tal-appell huwa bbażat fuq l-iżnaturament tal-ewwel parti tat-tielet motiv ta' annullament invokat mir-rikorrent, fuq il-ksur tal-fidi dovuta għal atti, tan-nuqqas ta' motivazzjoni u fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji tal-liġi:

- fil-punti 73, 74, 80 u 81 tas-sentenza kkontestata, billi żnaturat l-ewwel parti tat-tielet motiv ta' annullament u billi kisret il-fidi dovuta għall-atti tar-rikorrent, billi ddikjarat bi żball li r-rikorrent kien invoka l-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi;
- fil-punti 73 sa 100 tas-sentenza kkontestata, billi astjeniet milli tirrispondi, bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-ewwel parti tat-tielet motiv ta' annullament li hija bbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u mhux fuq dak tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi;